Minuti tal-ħdax (11/7) -il laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali Il-Gudja li ġiet msejjħa fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Il-Gudja nhar it-Tnejn 26 t'Awwissu 2013 fis-5.45p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku: | Is-Sur John-Mary Calleja |
| | Viċi Sindku: | Is-Sur Romeo Baldacchino |
| | Kunsillieri: | Is-Sur Mark Anthony Sammut, is-Sinjorina Demelsa Grech u s-Sur Stefan Caruana |
| | Segretarju Eżekuttiv: | Is-Sur Joseph M. Formosa |

1. Approvazzjoni ta' minuti:-
   a. 08/7 (02 ta' Lulju 2013)
   b. 09/7 (23 ta' Lulju 2013)

2. Kommunikazzjonijiet:-
   a. Sindku
   b. Kommunikazzjonijiet dwar xogħol tad-dekasteri:
      i. Viċi-Sindku ii. Kunsillieri
   c. Korrispondenza

3. Rapporti:-
   a. Ilmenti

4. Aġġudikazzjoni ta' Tender:-
   a. Tender03/2013 – Contract Manager - Perit

5. Għeluq u Tiġdid ta' Kuntratti:-
   a. Kuntratt06/2010 – Cleaning and maintenance of public convenience (għeluq it-tlett snin 31/10/13)
   b. Kuntratt07/2010 – Collection of Bulky Refuse (għeluq it-tlett snin 31/10/13)
   c. Kuntratt08/2010 – Street sweeping and cleaning of urban roads (għeluq it-tlett snin 31/10/13)
   d. Kuntratt06/2012 – Accountancy service (tiġdid it-tieni sena)

6. Xogħlijiet u Progress:-
   b. Toroq oħra:- Triq il-Kbira, Triq Birzebbuga, Triq Sta Katarina, Triq J. Pace, Triq id-Dejqa, Triq San Mark, Triq il-Fidwa, Wesgħet A. Dalli, Triq Hal Resqun, Triq Hal Safi u Triq F.Castagna

7. UIF - Ġnien Raymond Caruana

8. Alfred Mizzi vs Kunsill Lokali Il-Gudja – sentenza għall-ammont ta' €7385.78

9. Proposta għal ftehim dwar l-ammont pendenti ta' Mangion Brothers Zurrieq Ltd għas-somma €16341.00

10. Finanzi:-
    a. Petty Cash;
    b. Skeda ta' Pagamenti;
    c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

11. Għeluq tal-laqgħa u aġġornament

***Prejambolu***

Tkomplija tal-laqgħa li bdiet fit-23 t'Awwissu 2013. Din il-laqgħa kompliet (bi ftehiem bejn il-Kunsilliera kollha) fuq l-istess agenda tal-laqgħa tat-23 t'Awwissu 2013.

***Ftuħ tal-laqgħa***

Il-Laqgħa bdiet fis-6.05pm wara talba qasira mis-Sindku u l-kunsillieri kollha preżenti.

***Sospenzjoni tal-Agenda***

**6. <u>Xogħlijiet u Progress:-</u>**

**<u>a. Triq il-Kbira Il-Gudja</u>**

6.1 Mal-ftuħ tal-laqgħa s-Sindku ippropona u kien hemm qbil unanimu illi tkompli tiġi diskussa Triq il-Kbira speċjalment dwar l-estenzjoni taż-żmein li kien qed jitlob il-kuntrattur Denfar Excavators Ltd.

Saret diskussjoni estensiva li fiha ġew diskussi diversi punti fosthom li kull estenzjoni tkun tfisser tbagħtija għar-residenti u kritika lejn l-Kunsill kif ukoll li tista' tfixkel li wieħed igawdi l-festi li jiġu iċċelebrati fil-Gudja f'Ottubru 2013. Il-Kunsill ha ukoll konjuzjoni li l-permess tat-TM jeskadi fit-28 ta' Settembru 2013.

Il-Kunsill iddeċieda li f'dan l-istadju huwa prematur li jieħu deċiżjoni dwar li jestendi id-data li fiha għandu jiltesta x-xogħol u qabel li l-kuntrattur Denfar Excavators Ltd għandu jiġi infurmat bid-deċiżjoni tal-Kunsill.

Il-Kunsill iddeċieda ukoll illi l-kuntrattur Denfar Excavators Ltd għandu josserva t-terminu u l-obbligazzjonijiet kollha dwar il-permess b'numru RWP1-0673/13 kif maħruġ minn TM u għalhekk ma jistax jawtorizza lill kuntrattur li jagħmel ix-xogħol tal-bankina u jinjora x-xogħol meħtieġ mill-Go plc. Ix-xogħol meħtieġ mill-Go plc għandu jitħallas kompletament mill-Go plc.

6.2 Possibilita ta' traffic lights bejn il-katuniera ma' Triq G. Cassar u l-katuniera Triq il-Fidwa fi Triq il-Kbira il-Gudja. Il-Kunsill ikkonsidra din il-possibilita u għalhekk qabel illi fil-ħin propizju il-Perit tal-Kunsill W. Lewis għandu jindika lill-kuntrattur fejn għandhom issiru kaxxi sabiex minnhom jitilgħu l-arbli li jidħlu ġo katusi vojta mill-bankina sa bankina kif jindika l-perit tal-kunsill lill-

kuntrattur, sabiex jekk fil-futur issiru dawn it-traffic lights ma jkunx hemm il-ħtieġa li terġa tinqala t-triq jew xi parti mill-bankina.

6.3 Użu ta' pave' li kien inqala mill-istess bankina. Is-Sindku ikkonferma li sejjer jintuża (fil-parti tal-bankina li kienet lesta iżda li inqalet għaliex ix-xogħol ma kienx accettabli għal-Kunsill) l-istess pave' li kien inġabar mill-ħaddiema tal-Kunsill mill-istess triq malli nqala mill-kuntrattur Denfar Excavators Ltd u b'hekk il-Kunsill ikun qed inaqqas mill-ispiża tal-proġett.

Wara din is-sospenzjoni, il-Kunsill kompla fuq l-item li kien imiss skond l-agenda

## 3. ***Rapporti***

3.1 Ilmenti

3.1.1 Soft area – Triq il-Palazz u Trejqet H. Pigot, Triq iż-Żgħożija Il-Gudja. Saret diskussjoni dwar kif din is-soft area qegħda tiġi abbużata fis-sens illi qed jintefa fija skart kif ukoll intefa żejt f'żewġ siġriet taż-żebbuġ li waħda minnhom ġiet meqruda kompletament.

Il-Kunsill iddeċieda li tintbagħat ittra lir-residenti sabiex jiġi rispettat l-ambjent u li jgħinu lill Kunsill sabiex din is-soft area tinżamm fl-aħjar pożizzjoni possibli u b'hekk tkun tista' titgawda minn kulħadd.

Il-Kunsill iddeċieda ukoll li għandha titwaħħal tabella li turi li ħadd ma għandu jitfa żibel jew jagħmel xi ħsara u min jinqabad jiġi mħarrek u jeħel multa skond il-liġi.

3.1.2 Soft area fi Triq Ħal Tarxien. Saret diskussjoni dwar kif din is-soft area tista tinżamm aħjar. Il-Kunsill iddeċieda li jitlob lill kuntrattur tal-ġonna ELC Ltd sabiex jagħtu stima sabiex jaqilgħu żewġ siġriet (fikus) li qegħdin jagħmlu ħafna ħsara u iħawwlu flokhom żewġ siġriet aktar addattati u li ma jagħmlux ħsara.

3.1.3 Vjal it-Torri (l-biċċa t'isfel). Saret diskussjoni dwar li dan il-proġett kien inbeda u ġie abbandunat mit-TM fi żmien Gvern preċedenti fejn qed ikun lok t'abbuż billi qed jintrema terrapien li jagħmel ħsara u jkompli jagħti dehra ta' traskuraġni u ħsara lill-ambjent u inkonvenjent serju għar-residenti.

Il-Kunsill iddeċieda li jirraporta dan lill-Pulizija sabiex kemm jista ikun din l-area tiġi taħt sorveljanza waqt patrols tal-Pulizija f'ħinijiet diversi.

3.1.4 Traffic lights – Triq Ħal Resqun u Triq Bur Ġlat Il-Gudja. Saret diskussjoni dwar kif il-Kunsill ilu jiġi mwiegħed li dawn it-traffic lights sejrin jitwaħħlu iżda għal xi raġuni jew oħra dawn għandhom ma twaħħlux.

Il-Kunsill iddeċieda li ssir laqgħa mas-Sur Luke Genuis tat-TM sabiex iressaq dan l-ilment b'mod formali bil-għan li dawn it-traffic lights jiġu installati u b'hekk jintaqqas sewwa r-riskju għal min ikun qed jaqsam minn dawn it-toroq.

3.1.5 Permessi ta' siġġijiet u mwejjed maħruġa barra fil-ġranet tal-festi. Festa ta' Santa Marija (15/08/2013). Is-Sur Caruana staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex sal-laqgħa li jmiss jippreżenta lista ta' dawk l-applikazzjonijiet li waslu u ġew milqugħa għand il-Kunsill u kemm kien il-ħlas relattiv u rispetiv ta' dawn il-permessi.

Saret diskussjoni dwar dak li seta ġara f'każ li kien hemm min ħareġ is-siġġijiet barra l-istabbiliment tax-xorb/ikel waqt il-festa mingħajr il-permess tal-Kunsill.

Il-Kunsill iddeċieda li l-informazzjoni mitluba mis-Sur S. Caruana tingħata waqt il-laqgħa li jmiss tal-Kunsill (sakemm din ma tkunx laqgħa msejħa b'urġenza).

3.1.6 Permess ta' siġġijiet u mwejjed fil-festi ġewwa l-Gudja għal dawn l-aħħar tlett snin. Is-Sur Caruana talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jipprovdi lista tal-permessi maħruġa mill-Kunsill u l-ħlas relattiv u rispettiv li tħallsu għal dawn il-permessi. Saret diskussjoni.

Il-Kunsill iddeċeida illi din l-informazzjoni tinġabar u tingħata fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill sakemm din ma tkunx laqgħa msejħa b'urġenza.

3.1.7 Permessi ta' siġġijiet, mwejjed u kiosks maħruġa mill-Kunsill għal waqt l-attivita Adele Tribute li saret fit-23 t'Awwissu 2013. Fuq mistoqsija tas-Sur Caruana dwar dan, is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għal din l-attivita l-Kunsill ma ħareġ l-ebda permess ħlief lill Każin La Stella skond proċeduri stabbiliti.

## 4. ***Aġġudikazzjoni ta' Tender***

4.1.0 Tender03/2013 – Contract Manager – Perit

4.1.1 Il-Kunsill ġie infurmat li rċieva żewġ(2) sottomissjonijiet

a. Perit Joseph Grech
b. Med Design Associates Ltd

Saret diskussoni dwar kull sottomissjoni. Il-Kunsill iddeċieda li l-aħjar offerta hija dik ta' Med Design Associates Ltd fuq bażi ta' prezz u li b'mod ġenerali tidher li tissodisfa l-ħtiġijiet tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel li jmixi mal-proċeduri stabbiliti u finalment jiffirma l-kuntratt dwar dan is-servizz ma' Med Design Associates Ltd.

Il-Kunsill qabel ukoll illi dawn is-sottomissjonijiet jinżammu għand il-Kunsill bħala dokumenti uffiċċjali tal-Kunsill u għal kull skrutinju u informazjzoni kif ikun meħtieġ.

## 5. ***Għeluq u Tiġdid ta' Kuntratti***

5.1 Kuntratt06/2010 – Cleaning and maintenance of public convenience (għeluq it-tlett snin 31/10/13)

Il-Kunsill iddeċieda li jagħmel l-preparazzjoni sabiex toħroġ din it-tender u li jsiru xi tibdiliet li jkunu jaqdu aħjar il-ħtiġijiet tal-Kunsill waqt li jkunu joffru dan is-servizz mill-pubbliku.

5.2 Kuntratt07/2010 – Collection of Bulky Refuse (għeluq it-tlett snin 31/10/13)

Is-Sindku esprima l-opinjoni tiegħu li meta jiskadi dan il-kuntratt din it-tender ma toħroġx u li l-Kunsill joffri dan is-servizz billi jinxtara van u l-bulky refuse jinġabar mil-ħaddiema assenjati mal-Kunsill minn żmien għal żmien.

Saret diskussjoni dwar dan fejn is-Sindku kompla juri l-fehma tiegħu li dan il-kuntratt seta' ma' joħroġx għaliex b'metodu ieħor l-Kunsill seta' jiffranka l-flus u joffri dan is-servizz lir-residenti waqt ukoll jiffranka l-flus.

Il-Viċi-Sindku ressaq proposta fis-sens li meta jiskadi dan il-kuntratt (31/10/13) għanda toħroġ tender sabiex dan ix-xogħol jingħata fuq bażi tal-aħjar offerta.

Din il-proposta ġiet issekondata minn Ms. D. Grech.

Din il-proposta għaddiet għal vot.

Dawk favur:- Romeo Baldacchino
Demelsa Grech
Mark Anthony Sammut
Sefan Caruana
John Mary Calleja

Dawk kontra:- Ħadd

Dawk li astjenew:- Ħadd

Il-proposta tas-Sur Baldacchino għaddiet nem con.

Il-Kunsill qabel li toħroġ offerta pubblika għal xogħol ta' ġbir ta' skart goff (bulky refuse) wara li jiskadi dan il-kuntratt fil-31/10/2013.

5.3 Kuntratt08/2010 – Street sweeping and cleaning of urban roads (għeluq it-tlett snin 31/10/13)

Is-Sindku wera l-fehma li dan ix-xogħol (bi ftit investiment) seta' jsir mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill minn żmien għal żmien.

Saret diskussjoni u l-Kunsill iddeċieda li dan il-kuntratt għandu joħroġ għall offerta pubblika (tender) malli jagħlaq il-kuntratt fil-31/10/2013.

Il-Kunsill qabel ukoll illi fil-ħin opportun issir laqgħa mas-Sur Guido Zammit Kap tal-Community Workers Scheme fl-ETC sabiex tiġi diskussa l-kompetenza tal-ħaddiema assenjati mal-Kunsill u dwar jekk il-Kunsill jistax jutilizza lil dawk il-ħaddiema jistgħux jiġu mqabbda jagħmlu dan ix-xogħol u jekk jitqabdu jagħmlu dan ix-xogħol u jaċċettaw xi tkun ir-responsabbilita tal-Kunsill u x'għodda għandu jipprovdi.

5.4 Kuntratt06/2012 – Accountancy service (tiġdid it-tieni sena).

Il-Kunsill qabel li jġedded dan il-kuntratt għal sena oħra (għat-tieni sena).

## 6. ***Xogħlijiet u Progress***

6.1 Triq il-Kbira

Din it-tema ġiet dikussa b'mod estensiv f'partijiet oħra ta' dawn l-minuti.

6.2 Toroq oħra:- Triq il-Kbira, Triq Birzebbuga, Triq Sta Katarina, Triq J. Pace, Triq id-Dejqa, Triq San Mark, Triq il-Fidwa, Wesgħet A. Dalli, Triq Hal Resqun, Triq Hal Safi u Triq F.Castagna.

Il-Kunsill qabel li dawn it-toroq ikomplu jidhru fuq l-Agenda tal-Kunsill.

## 7. ***UIF - Ġnien Raymond Caruana***

7.1 Il-Viċi Sindku Sur Baldacchino informa lill-Kunsill illi l-MEPA qablet li iġġedded dan il-kuntratt. Is-Sur Baldacchino qal ukoll illi kellu laqgħat dwar sistema ta' elettriku effiċjenti u li l-post ikun jista jiddawwal aħjar b'anqas spejjeż.

Il-Kunsill qabel illi d-dawl b'mod effiċjenti huwa ta' ħtieġa f'dan il-proġett u għalhekk, għandu jiġu integrat f'dan l-iżvilupp sabiex meta jkun lest ikun hemm dawl aħjar b'anqas spejjeż billi tintuża sistema ta' LED's.

## 8. ***Alfred Mizzi vs Kunsill Lokali Il-Gudja – sentenza għall-ammont ta' €7385.78***

8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill dwar din it-tema u dwar li din kienet kawża marbuta ma' Triq l-Għelejjel u kif il-Kunsill kien ikkonsidra li din mhix talba ġusta għaliex is-Sur Alfred Mizzi (illum mejjet) ma wettaqx ix-xogħol sewwa u l-Kunsill daħal fi spejjeż żejda minħabba l-aġir tas-Sur Alfred Mizzi.

Il-Kunsill ġie infurmat illi l-parir tal-Avukat Pawlu Lia (l-avukat tal-Kunsill) huwa li peress li l-eredi ta' Alfred Mizzi ma aċċettawx il-wirt (peress li jidher li ħalla aktar dejn milli assi) issa m'għandhomx dritt jibbenefikaw mir-rikavat tas-sentenza u għalhekk il-Kunsill m'għandux talba leġittima għal ħlas.

Il-Kunsill qabel li jiġi infurmat dwar dan il-każ minn żmien għal żmien.

## 9. *Proposta għal ftehim dwar l-ammont pendenti ta' Mangion Brothers Zurrieq Ltd għas-somma €16341.00*

9.1 Il-Kunsill għamel referenza għall-ittra datata 18 ta' Ġunju 2013 mibgħuta lill-Kunsill mingħand Mangion Brothers (Żurrieq) Ltd li qegħda mehmuża ma' dawn il-minuti dok 'A'.

Il-Kunsill iddiskuta li l-punti ta' kontenzjoni u għaliex ma kienx għamel pagamenti intiera ta' €18964.00 kif kien oriġinalment mitlub minn Mangion Brothers (Żurrieq) Ltd kienu:-

a. xogħlijiet fejn il-kuntrattur qal li għamel ħxuna ta' asphalt iżjed minn dawk mitluba mill-Kunsill iżda li l-Kunsill ma jistax jivverifika dan b'mod konvinċenti.

b. Dewmien tat-twettieq ta' xogħol

c. Irriżultaw xi ftit għaddajjar fi Triq Ħal Resqun u fi Triq il-Kappillan.

Il-Kunsill kien infurmat li fl-04 ta' Frar 2013 il-Kunsill kien għamel proposta ta' €13032.10 'full and final settlement'.

Jidher li din l-offerta ma ġietx milquha minn Mangion Brothers (Żurrieq) Ltd u l-Kunsill ippropona li dan il-każ immur quddiem l-Arbitraġġ.

Tul dan iż-żmien Mangion Brothers (Żurrieq) Ltd kompla jinsisti li huwa ġust li jitħallas għax-xogħol peress li għamel asphalt 200mm u mhux 80mm.

Saret diskussjoni estensiva dwar kemm il-Kunsill jista jersaq lejn id-differenza dwar dak li qed jitlob Mangion Brothers (Żurrieq) Ltd li naqsu it-talba tagħhom għal €16341.00 minn dik ta' €18964.00

Il-Kunsill iddeċieda li fiċ-ċirkustanzi l-Kunsill għandu jagħmel pagament ta' €15000.00 b'mod immedjat 'in full and final settlement' sabiex jagħlaq dan il-każ b'mod ekwu kemm għal Kunsill kif ukoll għal kuntrattu Mangion Brothers (Żurrieq) Ltd.

## 10. *Finanzi*

10.1 Petty Cash. Il-Kunsill approva n-nefqa ta' €29.35 għax-xahar ta' Ġunju u n-nefqa ta' €67.02 għax-xahar ta' Lulju 2013.

10.2.0 Skeda ta' Pagamenti.

10.2.1 Mal-preżentazzjoni ta' din l-iskeda is-Sur Baldacchino talab u ingħata informazzjoni dwar kemm ħarġu skips (94) għal tindif ta' trejqa Triq Birżebbuġa, lill Brian Borg u kemm swew €5,546.00 dawn l-iskips għall Kunsill.

Is-Sur Baldacchino issuġerixxa illi l-Kunsill għandu jitlob l-irċevuit lill Brian Borg li juru fejn intremew dawn l-iskips peress li din l-inofmrazzjoni tista' tiġi mitluba mill-awditur. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

10.2.2 CMG Developers Ltd. Fuq mistoqsija tas-Sur R. Baldacchino, is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li dan ix-xogħol ġie iċċertifikat mill-Perit tal-Kunsill.

10.2.3 L-iskeda tal-pagamenti għax-xahar ta' Lulju għas-somma totali ta' €25,175.70 ġiet approvata nem con.

10.3 Talbiet għal xiri u xogħlijiet.

10.3.1 Il-Kunsill approva x-xiri ta' xogħlijiet kif imsemmija u bil-kundizzjonijiet indikati aktar l-quddiem f'dawn l-istess minuti.

10.3.2 Xogħol ta' żebgħa għal marki tat-toroq. Il-Kunsill approva ukoll ix-xiri ta' 3 (x20kg) żebgħa bajda u 3 (x20kg) żebgħa safra.

**11. *Għeluq tal-laqgħa u aġġornament***

11.1 Peress li t-temi kollha fuq l-Agenda ġew eżawriti s-Sindku aġġorna l-laqgħa għal nhar it-Tnejn 23 ta' Settembru 2013 fis-5.45p.m. (jekk ma jkunx hemm xi laqgħa oħra li tista tissejjaħ b'urġenza).

11.2 Il-laqgħa intemmet fit-8.35pm.

Joseph M. Formosa
Segretarju Eżekuttiv
Approvati:-

John-Mary Calleja
Sindku